4 ta' Novembru, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Assunta Cassar *versus* Avukat Dr. Carmelo Zammit ne.

**Ġudikat — Sentenza — Nullità — Art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-eċċezzjoni tar-"res judicata", formalment sollevata fil-ġudizzju, għandha tiġi maqtugħa b'kap separat, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.*

*Anki jekk dik l-eċċezzjoni ma tkunx ġiet mogħtija b'forma speċifika, il-fatt biss li jiġi nvokat il-ġudikat preċedenti jobliga lill-ġudikant, u mhux biss jagħtih id-dritt, li jokkupa ruħu minn dik l-eċċezzjoni; avvolja din mhix waħda mill-eċċezzjonijiet li l-ġudikant jista' jirrileva "ex officio".*

*U jekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tiġix maqtugħa b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu, is-sentenza hi nulla. U dik in-nullità tista' tiġi pronunzjata mill-Qorti "ex officio".*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li żewġha, l-imsemmi Giuseppe Cassar, kien jikri mingħand il-konvenut nomine l-fond numru 54, The Strand, Sliema; u illi, bħala konsegwenza tal-kawża ta' separazzjoni li ġiet deċiża minn dik il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1951, fl-ismijiet Assunta Cassar vs. Joseph Cassar" (dok. A), waqaf bejnha u żewġha l-obligu tal-konvivenza; u illi fil-fatt ir-raġel tagħha mar joqgħod għal rasu u ħalla fid-dar konjugali lill-mara flimkien ma' uliedha; u illi l-konvenut nomine ma jridx jirrikonoxxiha bħala inkwilina "de jure", u baqa' jagħmel l-irċevuti fuq isem żewġha, avvolja skond l-imsemmija sentenza ġiet dikjarata ċessata l-komunjoni ta' l-akkwisti ġa eżistenti bejniethom; talbet illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż illi, in vista tas-separazzjoni personali fuq riferita, hija ssubentrat bħala inkwilina tal-fond minflok żewġ-

ha; u illi, konsegwentement, il-konvenut nomine jkun kundannat jirrikonoxxiha bħala inkwilina ta' l-imsemmi fond. u okkorrendo jirrilaxxja riċevuti tal-kera fuq isimha. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li ġie inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, li biha eċċepixxa illi l-lokazzjoni fil-kwistjoni ġiet terminata bħala effett tad-deċiżjoni tal-Board li Jirregola l-Kera fir-rikors fl-ismijiet "Dr. Zammit nomine vs. Giuseppe Cassar", deċiż fil-11 ta' Mejju, 1953; b'mod illi l-lum hu impossibbli illi wieħed jitkellem fuq rikonoxximent bħala inkwilin ta' l-istess lokazzjoni, li hija ineżistenti. Għaldaqstant it-talba attriċi ħaqqha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-18 ta' April, 1955, li biha ġew respinti t-talbiet ta' l-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi mill-atti fuq imsemmijin u mid-dibattitu orali jirriżulta illi l-attriċi u żewġha, Giuseppe Cassar, kienu joqogħdu fil-fond indikat fiċ-ċitazzjoni sad-9 ta' Marzu, 1951, meta b'sentenza ta' din il-Qorti ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom, u r-raġel ta' l-attriċi ħareġ minn dak il-fond, imma din baqgħet toqgħod fih flimkien ma' uliedha. B'danakollu l-konvenut baqa' jagħmel ir-riċevuti tal-kera ta' dak il-fond fuq isem Giuseppe Cassar, u lill-martu, l-attriċi, ma riedx jirrikonoxxiha bħala inkwilina ta' l-istess fond, għalkemm hija ġie li ħallset lill-konvenut il-kera tiegħu u talbet lill-konvenut jaderixxi għal dak ir-rikonoxximent. B'deċiżjoni tal-Board li Jirregola l-Kera, mogħtija fil-11 ta' Mejju, 1953, il-konvenut ottjena l-iżgumbrament mill-imsemmi fond ta' Giuseppe Cassar, ir-raġel ta' l-attriċi, minħabba l-morożità tiegħu fil-ħlas tal-kera, u baqa' ma riedx jirrikonoxxi lill-attriċi bħala inkwilina ta' dak il-fond. Bl-azzjoni tal-lum l-attriċi qegħedha titlob illi l-konvenut jiġi kundannat biex jirrikonoxxiha bħala inkwilina ta' dak il-fond, billi hija tippretendi illi, in segwitu għas-sentenza ta' separazzjoni personali tagħha

minn ma' żewġha, imsemmija aktar 'il fuq, hija ssubentrat bħala inkwilina f'dak il-fond; mhux bħala konduttriċi ġdida, *iżda bħala effett ta' dik is-sentenza*, jiġifieri bħala konsegwenza taċ-ċessazzjoni ta' l-obligu tal-konvivenza;

Illi t-talba ta' *l-attriċi* ma tistax tiġi milqugħa. Hu veru illi, kif jidher, l-attriċi kienet ftehmet ma' żewġha illi wara s-sentenza fil-kawża tas-separazzjoni personali hija kellha tibqa', *aktarx provviżorjament*, fil-fond li ġa ssemma; imma dan ma jfisserx illi b'daqshekk Giuseppe Cassar ma baqgħax quddiem il-konvenut l-*inkwilin* tal-fond, jew illi l-istess konvenut kien tenut jirrikonoxxi lill-attriċi bħala inkwilina tal-fond minflok żewġha; il-konvenut ma ħax parti f'dak il-ftehim bejn *l-attriċi u żewġha*, u huwa lanqas ma kien parti f'dik il-kawża. Anzi lanqas jidher illi dik is-sentenza ġiet inskritta fir-Reġistru Publiku, u *għalhekk* l-effetti tagħha ma ġewx miġjuba f'konjizzjoni tat-terzi. Għalhekk, wara dik is-sentenza fil-kawża tas-separazzjoni, ir-raġel ta' l-*attriċi* baqa' *bħal ma kien qabel* l-inkwilin tal-fond quddiem il-konvenut; u jekk l-attriċi ħallset il-kera tiegħu, dana l-ħlas għandu jiġi kunsidrat illi ġie magħmul *f'isem* żewġha. Dik il-lokazzjoni mbagħad spiċċat bid-deċiżjoni fuq imsemmija mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera, billi la Giuseppe Cassar personalment, u *lanqas l-attriċi f'ismu*, ma ħallsu l-kera relativ lill-konvenut; u għalhekk kien hemm morożità fil-ħlas tal-kera;

Illi minħabba din il-konklużjoni, li ġiet għaliha din il-Qorti, *mhux il-każ li tiġi eżaminata* l-eċċezzjoni tar-"res judicata" sollevata mill-konvenut, li huwa jibbaża fuq il-fatt li l-attriċi kienet interveniet "in statu et terminis" fil-kawża quddiem il-Board tal-Kera, u fuq l-eċċezzjoni tagħha dak il-Board iddikjara li hija ma kellha qatt id-dritt illi teżiġi li tiġi *rikonoxxuta bħala inkwilina*, u lanqas illi tiġi lilha rilaxxjata riċevuta differenti minn dik li ried jirrilaxxjalha l-konvenut. Però, anki kieku l-Qorti ma ġietx għal din il-konklużjoni, lanqas ma jidher illi din l-eċċezzjoni tista' tiġi kunsidrata. Tabilħaqq, il-konvenut issolleva din l-eċċezzjoni fin-nota ta' l-osservazzjonijiet *tiegħu*, u mhux b'mod formali u proċedurali. Issa, għalkemm hu "dovere del giudice di occuparsi nella sua decisione di tutti i mezzi di difesa stati invocati dalle parti

a *sostegno dei loro assunti, ancorchè non tutti questi mezzi* sieno stati proposti in forma di specifica conclusione" (Cassaz. Torino *13.3.1886*, Giurisprudenza, 1886, pağ. 189), però ġie deċiż illi l-eċċezzjonijiet formali, bħal ma hi l-eċċezzjoni tar-"res judicata", ma għandhomx jingħataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali proċedurali; b'mod illi l-eċċezzjoni tar-"res judicata" li ma tiġix mogħtija formalment qiesha ma hix quddiem il-Qorti, u l-Qorti mhix tenuta tiddeċediha; għaliex l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio" (arg. Kollez. XXXIV-I-410);

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tagħha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ġiet formalment mogħtija mill-konvenut nomine bin-nota tiegħu tat-30 ta' Novembru, 1954, (*fol. 16*), *fejn qal espressament li* "tosta għad-domandi attriċi tal-lum ir-"res judicata"; liema eċċezzjoni l-esponent nomine *qiegħed formalment* jagħti f'dana l-istadju". Dik l-eċċezzjoni, skond l-art 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kellha tiġi maqtugħa b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ġunju, 1936, in re "Sultana vs. Briffa ne." (Kollez. Vol. XXIX-II-1120), b'riferenza għal sentenza oħra ta' l-istess Qorti tal-21 ta' Marzu, 1923, in re "Micallef utrinque", u għall-awtorità hemm ċitati, sostniet li, anki kieku l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma tkunx ġiet mogħtija b'forma *speċifika*, "*pure* dal fatto di avere egli invocato tale sentenza sorge nel giudicante l'obbligo, non pure il diritto, di occuparsi di *tale eccezione*, *avvegnacchè* non sia una di quelle che il giudice possa rilevare di ufficio". Ladarba l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma ġietx *maqtugħa b'kap* separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu, kif titlob il-liġi bid-dispożizzjoni fuq ċitata, dik is-sentenza hija nulla (App. Kumm. 10

ta' Diċembru, 1954, in re "Azzopardi vs. Abela"); u din innullità tista' tiġi "ex officio" pronunzjata mill-Qorti;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiddeċidi billi tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi inkorsi sal-lum, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-kontendenti bin-nofs.